MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRETA MIFSUD**

Seduta tat-30 ta' Marzu, 2009

Talba Numru. 2170/2004

**Emmanuel Schembri**

**vs**

**Maria Cutajar**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz ta' l-attur li permezz tieghu talab lit-Tribunal jikkundanna lill-konvenuta thallsu s-somma dovuta rapprezentanti l-bilanc minn somma akbar ghal xoghol u bejgh ta' bibien u xambrelli li l-attur hadem lill-konvenuta.

Ra r-risposta tal-konvenuta li eccepiet illi l-ammont pretiz m'huwiex dovut fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet segwenti:-

1. Ix-xoghol in kwistjoni ma sarx skond is-sengha u l-arti u l-professjoni;
2. Il-bibien kif installati ma kienux tal-kwalita' patwita.
3. Salv eccezzjonjiet ulterjuri.

Ra l-atti u d-dokumenti esebiti.

Ra s-sentenza in parte ta’ dan it-Tribunal, datata 26 ta’ Marzu, 2008.

Ikkunsidra

Illi wara s-sentenza in parte ta’ dan it-Tribunal, kien hemm diversi seduti fejn l-partijiet infurmaw lil dan it-Tribunal li kien qed ikun hemm ostakoli rispettivi da parti taghhom u li minhabba din l-animosita’ ix-xogholijiet ma setghux jigu konkluzi.

Kien ghalhekk, li dan it-Tribunal issollecita lill-Periti rispettivi tal-partijiet sabiex jaccedu fuq il-post ghal ahhar darba u jinfurmaw lil dan it-Tribunal b’dak li kienu kkonstataw.

Iz-zewg Periti, il-Perit John Farrugia ghall-konvenuta u l-Perit Philip Mifsud, in rapprezentanza tal-attur ipprezentaw ir-rapporti taghhom, skond kif ordnat minn dan it-Tribunal u ccertifikaw li kien hemm xi xogholijiet li kienu tlestew u ohrajn li kien ghadhom mhux skond is-sengha u l-arti u ohrajn li kien jehtiegu xi lostru jew xi affarijiet zghar.

Id-differenzi f’dak li ccertifikaw hija in kwantu jirrigwarda l-likwidazzjoni tad-danni. Il-Perit John Farrugia jissuggerixxi li l-konvenuta zzomm erba’ mitt lira Maltin (Lm400), ekwivalenti ghal disa’ mija u wiehed u tletin Euro u hamsa u sebghin centezmu (€931.75), mill-valur tax-xoghol u ccedi l-istess somma wara li jigi ccertifikat li x-xoghol ikun sar sew.

Da parti tal-Perit Mifsud, jikkonkludi li d-danni kienu minimi in kwantu kienu jammontaw ghal tmienja u tmenin lira Maltin u sittin centezmu (Lm88.60), u cioe’ ekwivalenti ghal mitejn u sitt Euro u tmienja u tletin centezmu (€206.38).

It-Tribunal jinnota li hemm diskrepanza sostanzjali fir-rigward tal-quantum tad-danni, u ghalkemm il-Periti

Iluminaw lil dan it-Tribunal bil-qadgha tax-xoghol, li fi kwalunkwe kaz ghadu mhux komplut skond is-sengha u l-arti, aktar ikkonfondew lil dan it-Tribunal biex tiehu ideja ta' x'inhuma attwalment id-danni li qiedgha tbati l-konvenuta.

It-Tribunal, pero' josserva li meta l-Perit John Farrugia ssuggerixxa illi jkun hemm mizmuma erba' mitt lira Maltin (Lm400), ekwivalenti ghal disa' mija u wiehed u tletin Euro u hamsa u sebghin centezmu (€931.75), mill-valur tax-xoghol, dan kien qed jaghmlu sabiex jissalvagwardja l-interessi tal-klijenta tieghu, il-konvenuta, u b'hekk ikun hemm incentiv ghall-attur li jiffinalizza x-xoghol skond is-sengha u arti, kif irrakkomandata miz-zewg Periti rispettivament, li fl-ahhar mill-ahhar qed jaqblu fuq dak li huma verament in-nuqqasijiet.

Ghalhekk, it-Tribunal, ihoss, li l-ammont propost mill-Perit Farrugia, ma jirrapprezentawx l-valur realistiku tad-danni, izda l-istess danni huma anqas.

Oltre minn hekk, it-Tribunal ihossu urtat ghaliex l-attur inghata l-possibilita' li jirrimedja l-posizzjoni tieghu u ghal darb'ohra wera li m'huwiex affidabbli, tant li ma kienx kapaci jghaddi lill-konvenuta x-xoghol lest ghal darba u dejjem skond is-sengha u l-arti u ghalhekk it-Tribunal mhux sorpriz li l-konvenuta, mara avanzata rrabbjata ghal dawn ic-cirkostanzi.

Tenut kont ta' dan u in parti minhabba d-dewmien taz-zmien li ilha tbati l-konvenuta u in parti minhabba l-animosita' li giet ikkreata bejn il-partijiet per konsegwenza tac-cirkostanzi, thoss li ghandha thallas biss is-somma ta' seba' mitt lira Maltin (Lm700), ekwivalenti ghal elf, sitt mija u tletin Euro u sitta u hamsin centezmu (€1,630.56), u dan ghaliex trid tiskomoda terza persuna sabiex jirrimedja x-xoghol li fadal fuq dawn il-bibien.

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici in parti billi l-konvenuta ghandha thallas biss is-somma ta' seba' mitt lira Maltin (Lm700), u cioe' ekwivalenti ghal elf, sitt mija u tletin Euro u sitta u hamsin

centezmu (€1,630.56), ghal valur tax-xoghol, filwaqt li tilqa' ukoll l-ewwel u t-tieni eccezzjoni tal-konvenuta in parte peress li x-xoghol baqa' ma sarx kollu skond is-sengha u l-arti u lanqas ma sar skond il-kwalita' patwita.

L-ispejjes kollha, inkluz dawk tas-sentenza tas-26 ta' Marzu, 2008 ghandhom jigu ssopportati nterament mill-attur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------